## Dun Ġorġ Preca

Dun Ġorġ Preca, il-fundatur tas-Soċjetà tal-MUSEUM, għex bejn l-1880 u l-1962. Fost l-affarijiet sbieħ li wieħed jinnota f'ħajtu hija l-imħabba speċjali lejn Marija, jew, kif kien iħobb isejħilha, ***"il-Verġni Mbierka"***. Biżżejjed ngħidu li dwar il-Madonna Dun Ġorġ kiteb iżjed minn mitt ktieb, xi wħud żgħar, imma kollha mimlijin għerf u mħabba lejn din il-kreatura unika.

Nies li kienu jgħixu fi żmienu u li kienu jmorru jisimgħuh isostnu li fil-priedki tiegħu b'xi mod kien dejjem isemmi xi ħaġa fuq il-Madonna, u meta kien jitkellem fuqha leħnu kien jinkiser u bla ma forsi jrid, kien juri li bejnu u bejn il-Madonna kienet teżisti rabta speċjali, anzi rabta tenera. La kellu mħabba speċjali lejn il-Madonna, bilfors kellu devozzjoni speċjali lejn ir-Rużarju. Hu kien spiss itenni: ***"Il-Madonna sa nofs il-lejl tibqa' tistenna biex insellmulha bir-Rużarju mqaddes"***. Kien jinsisti ħafna fl-ittri tiegħu li r-Rużarju jingħad sewwa u kuljum.

Fost il-Kotba tiegħu dwar Marija, kiteb wieħed jismu *Benedicta* jiġifieri l-Imbierka. Fih jgħid dawn il-kelmiet sbieħ ħafna: **"Marija ħabbet u tħobb lill-bnedmin għal bosta raġunijiet, iżda b'mod speċjali, għax l-Iben tagħha xerred demmu għas-salvazzjoni tagħhom ... Kull ma hija titlob 'l Alla għall-ġid tal-bnedmin, Alla ma jiċħad qatt ebda ħaġa lil din l-Omm tal-Ħniena ... Ixxurtjat min jagħti ġieħ u qima lil Marija Santissima, iżda wisq iżjed min jgħin ukoll 'l-oħrajn biex lilha junuraw, u biex lejha jirrikorru".**

F'*Il-Ktieb tal-Mezzi*, Dun Ġorġ juri kif id-devozzjoni u l-imħabbba vera lejn Marija hija mezz l-iktar qawwi sabiex in-nisrani jakkwista mingħand Alla dawk il-virtujiet meħtieġa għall-ħajja tajba, bħalma huma t-tama, l-imħabba, l-ubbidjenza, il-kastità u l-indiema.
In-nisrani, skond Dun Ġorġ, għandu jkollu tama kbira f'Marija, għaliex hija **"vera reġina, vera padruna u vera omm".**